**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Joseph Borda**

**Illum, 12 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Joseph Borda ta' 51 sena, iben Joseph u Maria Carmela nee' Demicoli, imwieled Pieta' nhar l-20 ta' Mejju 1972, residenti Krypton Mais 2, Triq Wenzu Gafa, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 231472M:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek ta' project supervisor maħtur mill-klijent fis-sit sitwat f'Sunrise 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma Triq it-Torri, Swatar nhar il-25 ta' Ottubru 2022 matul il-ġurnata u fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi nqast milli tieħu l-miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tipprevjeni waqgħat mill-għoli u dan ai termini ta' artikoli 6 ta' A.L. 88/2018.

2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi il-kapaċità tiegħek ta' proġett supervisor inqast milli tikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex tassigura li min jimpjega u jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom japplikaw il-prinċipji relevanti f'manjiera konsistenti u meta meħtieġ, isegwu l-pjan tas-saħħa u sigurtà u dan ai termini ta' Art. 5(4)(d) ta' A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tal-25 ta' Ottubru 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 17 (1) ta Att XXVII/2000.

Rat li waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023, wara li nqraw l-akkużi, l-imputat wieġeb mhux ħati;

Semgħat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 l-prosekuzzjoni iddikjarat li kienet għalqet il-provi, u li sussegwentement wara li d-difiża pproduċiet lill-imputat sabiex jixhed, saret it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

## <u>Ikkunsidrat</u>

### A. <u>Fatti tal-każ</u>

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **David Saliba** bħala uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol xehed li huwa kien għamel riċerka mar-rekords tar-

reġistru tal-competent persons amministrat minnu stess f'isem l-awtorità fejn mir-riċerka li għamel irriżulta li l-imputat Joseph Borda, detentur tal-karta tal-identità 231472M m'huwiex illistjat bħala competent person mal-awtorità.

2. **Clinton Cachia** Principal OHS officer xehed in rappreżentanza tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol xehed li fil-25 t' Ottubru 2022, għamel spezzjoni fuq sit ta' kostruzzjoni li jġib l-indirizz Sunrise, 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma' Triq it-Torri, Birkirkara.

   Il-proġett kien jikkonsisti fit-twaqqiegħ ta' proprjetà eżistenti, it-tħaffir tal-plot, kif ukoll il-bini ta' garaxx u uffiċċju taħt il-livell tat-triq, u 8 appartamenti. Dakinhar li għamel l-ispezzjoni bejn wieħed u ieħor kien ħa jibda jissaqqaf l-ewwel sular jiġifieri fuq il-basement. Fuq il-post kien hemm tliet ħaddiema, tliet Albaniżi Rika Crix u Uka Mario u Rika Fevil, li qalulu li jaħdmu ma Redmap Projects Limited. Fuq il-post innota numru ta' nuqqasijiet, u ppreżenta sett ta' ħames ritratti, minn fejn jista' jidher li l-aċċess għal ġol-binja jekk tħares lejn ritratti 3 u 4 ma kienx sigur. Tara l-ħaddiema għaddejja minn fuq il-fallakki u fuq il-pjattaformi mingħajr ebda protezzjoni. Kien hemm ukoll truf ta' soqfa li ma kellhomx ebda forma ta' lqugħ biex jevitaw waqgħat mill-għoli. Partijiet tal-boundary wall tad-dawra kien baxx allura terzi persuni mhux awtorizzati setgħu faċilment jidħlu minnu (ritratt numru 1). Sussegwentement ix-xogħol fuq is-sit twaqqaf.

   Ix-xhud kellem il-kuntrattur fuq it-telefon dakinhar stess. Sussegwentement minn riċerka li għamel irriżultalu li s-sur Joseph Borda 231472M kien imniżżel fin-notifika bħala l-project supervisor tas-sit, u ppreżenta kopja tan-notifika u l-form B li waslet għand l-awtorità (fol 11 sa 13). L-imputat Joseph Borda ġie nfurmat bin-nuqqasijiet li ġew osservati, kif ukoll bl-ordni ta' waqfien tax-xogħol, l-ewwel permezz ta' telefonata u sussegwentement a permezz ta' żewġ emails li bagħatu minħabba li l-indirizz oriġinali tal-email ma bediex

jasallu, fuq emails joseph@cf.mt u jborda@cf.mt. L-imputat irrisponda mill-email jborda@cf.com.mt biss fin-notifika l-email li huwa ta' kien joseph@cm.com.mt u tidher follow up tal-istop order.

Sussegwentement fis-26 t' Ottubru 2022 ix-xhud rċieva email mingħand is-sur Borda b' żewġ rapporti (fol 20 sa 21) bid-dati tat-22 t' Ottubru u tas-26 ta' Ottubru 2022. Ir-rapport tat-22 t' Ottubru, 2022 jagħmel aċċenn ħafif għal perikli relatati mal-waqgħat mill-għoli. Ir-rapport tat-22 t' Ottubru - actions to be taken - punt 5 - l-imputat ifakkar li m'għandux jitneħħa l-ilqugħ: *"Contractor or any workers shall not remove any guard rails at all times. Handrails or any other means of protection, which is used to protect any person from falls. Before removing any guard rails or hand rails, the contractor must consult with site manager project supervisor OHS"*.

Meta ix-xhud mar fuq il-post osserva li ma kien hemm handrails imkien, għaldaqstant l-actions to be taken ma kinux jagħmlu sens għaċ-ċirkostanzi. Minkejja li x-xhud innota perikli evidenti ta' waqgħat mill-għoli, fir-rapport m'hemm l-ebda ordnijiet mill-project supervisor li x-xogħol għandu jieqaf biex isiru xi forma ta' remedial works.

Ir-rapport tas-26 t' Ottubru imbagħad jikkonferma li sar ix-xogħol rimedjali tan-nuqqasijiet li kien identifika ix-xhud, u li waqqaf ix-xogħol dwarhu.

Fir-rapporti m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-istess rapporti ġew ikkomunikati biex isir immaniġġar effettiv tas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit. Minkejja li fl-ordni li ngħatat, ix-xhud kien talab lill-project supervisor tas-sit jipprovdi d-dokumentazzjoni neċessarja, u sabiex jattendi laqgħa, dan baqa' qatt ma mar għal-laqgħa mitluba. It-tielet akkuża fil-fatt hija dwar ksur ta' ordni peress li kien ordnat biex jattendi l-awtorità għal-laqgħa li attwalment qatt ma saret peress li ma attendiex.

In kontroeżami mistoqsi min hu d-developer jew il-klijent li qed jibni din il-blokka, jgħid li dan kien CF Developments Limited. Ix-xhud jgħid li ma setax jikkonferma l-konnessjoni bejn CF Developments Limited u Joseph Borda peress li huwa m'għadhiex għal-laqgħa. Fil-fatt minħabba f'hekk ix-xhud ma setax jikkonstata ċerta affarijiet.

Illi d-difiża tressaq lill-imputat in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

1. **Joseph Borda** xehed li ilu jaħdem fl-industrija tal-kostruzzjoni fuq 30 sena. Dwar il-kompetenza tiegħu jgħid li studja il-construction engineering, u għandu żewġ masters wieħed mill-Università ta' Malta Level 7, u ieħor minn Salford fil-construction. Huwa għamel course tal-BICC occupation health and safety award for construction professionals, li huwa level 4. Plus hekk ukoll għandi l-iskill card, għandi kopji hawnhekk, bħala professional officer. Huwa pprepara Cuyrriculum Vitae dwar il-kostruzzjoni u l-health and safety.

   Fil-perjodu indikat fl-akkużi x-xhud kien jagħmel xogħol freelance bħala project supervisor u dak iż-żmien kien ukoll impjegat mas-CF Developers. Rigward is-sit Sunrise 2, Triq Olaf Gollcher, kantuniera ma' Triq it-Torri, Swatar, kien ġie nominat bħala project supervisor, u kien qed jirrapprezetna lil CF Developers.

   Bħala proċedura dwar kull applikazzjoni, inkluż dwar il-każ odjern, huwa kien jara min huma l-kuntratturi, jara li l-permess huwa approvat mill-MEPA, jara kemm se jdum, jitkellem mal-perit u jara l-pjanta dwar x'jinvolvi x-xogħol. F'dan il-każ kien hemm pjanat demolition, excavation u construction u huwa kien ġie nominat għal dawn it-tlett fażijiet. Tintela l-construction notification form fejn id-developer jinnomina l-kuntratturi u jinnomina lill-project supervisor u anke s-site manager. F'dan il-kaz barra d-delevoper, kien hemm site manager jaħdem ma CF Developers. Wara dan kollu jirċievu l-form B li tkun ivvetjata mill-OHSA u jwaħħlu t-tabelli barra s-sit biex jibda

x-xogħol. L-informazzjoni li jkun fiha t-tabella tinkludi kemm se jdum ix-xogħol, min hu l-project supervisor, u min huma l-kuntratturi u d-developer.

Huwa kien imur on-site kwazi darba fil-ġimgħa u jagħmel rapporti darbtejn jew tlett darbiet fix-xahar. Kien ikun hemm chat group fil Whatsapp li fiha kien ikun involut kulħadd. F'dan il-każ id-developer Clifton Cassar, is-site manager Mr Godwin Briffa, żewġ kuntratturi Charlò Coleiro li kien qed jieħu ħsieb id-demolition u l-excavation, u l-kuntrattur Pierre Sladden li kien qed jieħu ħsieb il-construction, il-perita Maria Grima li kienet chairman tal-BCA wkoll dak iż-żmien u l-perit Farrugia. Extract ta' dan ic-chat li ġie downloaded u printed minnu stess peress li kien l-administrator tiegħu ġie ppreżentat bħala Dok JB3.

Ħafna mic-chats kienu jkunu dwar falls from height, railings neqsin, u house keeping. Peress li kienu qed jintużaw xi krejnijiet ix-xhud talabhom ċertifikat mingħand l-inġinier u dan jirriżulta anke miċ-chat. Fil fatt il-kuntrattur innifsu kien qallu, *"Jien mhux diġà tajtulek?"* u x-xhud irrispondieh *"Jekk jinbidel il-makkinarju, trid ittini ċertifikat tal-makkinarju l-ġdid."*

Dwar ir-rapporti jgħid li dawn ġew iffirmati mis-site manager u anke mill-kuntrattur, prova ċara li jkun ġibed l-attenzjoni. Huwa ippreżenta żewġ rapporti, biss jgħid li kien hemm aktar.

Dwar l-akkuża li hu ma obdiex ordni bil-miktub tal-awtorità jgħid li ma jistax jifhimha għax hu qatt ma kellu problemi mal-uffiċjali tal-Awtorita. Jgħid li fil-25 ta' Ottubru 2022 kien ċempillu s-sur Cachia mill Awtorita u qallu li kien hemm problema dwar lqugħ li jipprevjenu waqgħat mill-għoli, railings u affarijiet oħra. Min-naħa tiegħu ċempel lis-site manager li qallu li kien se jwaqqaf ix-xogħol. Dakinhar stess jew l-għada filgħodu kien mar fuq is-sit u għamel rapport biex jara li sar kollox kif mitlub mil-liġi, u għadda kopja lill-Awtorità ffirmati

kemm mis-site manager, u mill-kuntrattur. Ġurnata wara ċemplulhom u qalulhom li jistgħu ikomplu u sas-17th April 2022 ma kienx hemm problemi aktar. Imbagħad ix-xhud kien irriżenja minn mal-kumpanija. Jgħid li l-email irċeviha wara d-data tal-laqgħa. Hu ma stenniex l-email, iżda ordna li jieqaf kollox. Imbagħad ċempillu u bagħatlu r-rapporti by hand l-OHSA

In kontro-ezami dwar il-construction notification form a fol 11 sa 13 jikkonferma li x-xogħlijiet kienu jikkonsistu f'demolition, excavation and construction, il-mendays jinħadmu mal-perit, min huma l-kuntratturi kemm tal-constuction u kemm tad-demolition u excavation, u għaraf il-firma tiegħu fejn ġie nominat minn Clifton Cassar li huwa d-developer. L-email address indikat hemmhekk huwa joseph@cf.com.mt. Muri l-ordni li ġiet esebita a fol 14 jikkonferma li dik indirizzata fuq joseph@cf.com.mt ukoll, cioe l-istess email address li huwa ta lill-awtorità. Jikkonferma ukoll il-mobile number peress li għamlu kuntatt miegħu. Huwa jikkonferma li għandu żewġ masters fil-construction. Fil-health and safety kien għamel kors mill-BICC li kienet għal professional officers level 4 li huwa occupation health and safety for construction professionals mill-BICC li jaqa' taħt il-BC, li hija entità tal-Gvern, u ħarġitlu l-iskill card as a professional. Bħala kwalifika mill-Università kellu module minnhom fil-health and safety.

Huwa jikkonferma li qatt ma applika biex tkun reġistrat mal-competent person list mal-awtorità. Mistoqsi għala ma applikax, jgħid li din ma kinitx l-ewwel darba u kull darba ġie aċċettat. Qatt ma kellu problemi mal-OHSA.

Qatt ma ntalab japplika. Mistoqsi dwar x'kienu r-rekwiżiti biex tapplika u tiġi kkunsidrat bħala persuna kompetenti mal-awtorità jgħid li the minimum huwa diploma fil-health and safety li huwa xi level 5. Dan hu ma kellux. Muri estratt tal-competent persons list huwa jikkonferma li ma kienx imniżżel.

Dwar l-inċident jikkonferma li għamel żewġ rapporti wieħed datat 22 ta' Ottubru u l-ieħor fis-26 ta Ottubru. Jgħid li ma kienx hemm ħafna nuqqasijiet fuq is-sit, kien hemm xi railings neqsin għax kienu qed jagħtu l-konkos u fit-25 ta' Ottubru waqqafhom minnufih milli jkomplu jagħtu l-konkos, u esiġa li ir-railings temporanji jridu jkunu mwaħħlin, u fejn hemm bżonn ikun irid jintuża l-harness.

Jgħid li fit 22 ta' Ottubru kien hemmhekk hu preżenti mas-site manager. Fit 25 ta Ottubru reġa mar wara nofsinhar u sab xi nuqqasijiet. Jikkonferma li fit-22 ta Ottubru is-sit kien aċċettabbli biss fil-25 ta' Ottubru, jumejn, tlett ijiem wara ikkonferma li jaqbel mal-Uffiċjali tal-Awtorita li kien hemm il-perikli għal ħaddiema. Hu ikkomunika mas-site manager ta CF u mal-kuntrattur Mr Pierre Sladden, u fuq il-post imbagħad wara li ċemplulu kien mar Andreas Sladden li kien fil-fatt iffirma l-construction notification form. Fit-22 ta Ottubru kien kellem lis-site manager ta' CF Mr Godwin Briffa u lill Pierre Sladden li bagħat lil Andreas Sladden. Fit-22 ta' Ottubru kien hemm xi railings neqsin għax kienu qed jagħtu l-konkos u qalgħu r-railing minħabba l-konkos, u kien għalhekk li waqqafhom. Imbagħad ċemplulu mill-Awtorita, u mar bir-rapporti. Fit-26 jew 27 ta' Ottubru infurmawh li x-xogħol seta jitkompla. Jikkonferma li l-laqgħa ma saritx.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti

kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqu hija msejsa it-tieni imputazzjoni, kif ukoll rigward it-tielet imputazzjoni li hija msejsa fuq il-Liġi Sussidjarja 424.21, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi kontrih. Dan m'huwiex il-każ fir-rigward tal-liġi prinċipali cioé l-Kapitolu 424 innifsu.

Fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni imputazzjoni, speċifikament fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Bl-istess mod ir-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova:

> *"18. F'kull proċediment għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa sa fejn huwa prattikabbli jew sa fejn huwa raġonevolement prattikabbli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli, l-akkużat ikollu jġib prova skond il-każ li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment*

*prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar għall-ħarsien tad-dmir jew tar-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar milli fil-fatt kien intuża biex jiġi sodisfatt dmir jew rekwiżit."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

## 2. L-Imputazzjonijiet

Din il-Qorti tibda billi tirrimarka li r-rwol *tas-supervisor* huwa wieħed kemxejn onerus. Ir-rwol *tas-supervisor* tal-proġett ġie analizzat mil-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mil-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. fl-Appell Nru: 187/2018 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Maria Luigia Baldacchino u Nazzareno Baldacchino deċiża fit-12 ta' Dicembru, 2018, li ddikjarat li dawn jikkonsistu fis segwenti:

"…

1. *Jikkomunika notification form lill-Awtorita' meta mehtieg;*
2. *Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-**Avviz Legali 88/18**;*
3. *Ifassal pjan tas-saħħa u sigurtà qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni;*
4. *Jipprepara file adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti;*
5. *Jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:*
   - *(i) Meta aspetti tekniċi u, jew organizzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex wieħed jippjana l-oġġetti varji jew fażijiet tax-xogħol li hemm sabiex isiru simultanjament jew f ' suċċessjoni;*
   - *(ii) Meta jiġi vvalutat il-perjodu meħtieġ għar-realizzazzjoni ta' xogħolijiet differenti jew fażijiet tax-xogħol;*
6. *Jikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-**Avviz Legali 88/18** sabiex jassiguraw li min jimpjega u, jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għall-rashom:*
   - *(i) Japplika l-prinċipji msemmija fir-regolament f'manjiera konsistenti;*
   - *(ii) Meta meħtieġa, isegwi l-pjan tas-saħħa u sigurtà;*
7. *Jagħmel, jew jikkawża li jsiru, kull aġġustamenti meħtieġa għal-pjan tas-saħħa u s-sigurtà u l-file u jieħu kont tal-progress tax-xogħol u kull bidliet li seħħew;*
8. *Jorganizza l-koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom bil-għan li jipproteġi lill-ħaddiema u jipprevjeni nċidenti u perikli għas-saħħa fuq ix-xogħol u l-informazzjoni reċiproka kif previst*

*fir-**Regolament** 7 tar- **Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s- Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**, li jiżguraw li persuni mpjegati għal rashom huma inklużi f ' dan il-proċess fejn meħtieġ;*

9. *Jikkoordina arranġamenti sabiex jikkontrolla li l-proċeduri tal-ħidma qed jiġu implimentati b'mod korrett;*
10. *Jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jidħlu fil-post tal-kostruzzjoni;*
11. *Jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.*

*…"*

Ikun imiss għaldaqstant lill din il-Qorti sabiex tanalizza l-obbligi msemmija hawn fuq fid-dawl tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriħ sabiex tistabbilixxi jekk hemmx ħtija f'dan il-każ.

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek ta' project supervisor maħtur mill-klijent fis-sit sitwat f'Sunrise 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma Triq it-Torri, Swatar nhar il-25 ta' Ottubru 2022 matul il-ġurnata u fil-ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol billi nqast milli tieħu l-miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tipprevjeni waqgħat mill-għoli u dan ai termini ta' artikoli 6 ta' A.L. 88/2018."*

Il prosekuzzjoni tindika li din l-akkuża hija bbażata fuq l-artikolu 6 tal-Avviż Legali 88/2018. Dan l-artikolu jgħid hekk:

> *"6. Is-supervisor tal-proġett għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol."*

Biss f'din l-akkuża l-prosekuzzjoni ħasset li għandha tirrestrinġi l-akkuża billi tispeċifika kif is-supervisor naqas, u cioé "*billi nqast milli tieħu l-miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex tipprevjeni waqgħat mill-għoli*".

Il-prova ewlenija tal-prosekuzzjoni dwar din l-akkuża huwa x-xhud Clinton Cachia li jokkupa l-kariga ta' Principal OHS officer fi ħdan l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Minn spezzjoni li huwa għamel fil-25 t' Ottubru 2022, f'sit ta' kostruzzjoni li jġib l-indirizz Sunrise, 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma' Triq it-Torri, Birkirkara, irriżultalu li kien hemm xogħol ta' kostruzzjoni għaddej, u fil fatt kien hemm tlett ħaddiema ta' Redmap Projects Limited jaħdmu sabiex jibda jissaqqaf l-ewwel sular, jiġifieri fuq il-basement.

L-uffiċjal innota numru ta' nuqqasijiet li kienu qed jesponu l-ħaddiema u nies oħra għal periklu ta' waqgħat mill għoli. Huwa seta jinnota l-ħaddiema għaddejja minn fuq il-fallakki u fuq il-pjattaformi mingħajr ebda protezzjoni, truf ta' soqfa li ma kellhomx ebda forma ta' lqugħ biex jevitaw waqgħat mill-għoli, kif ukoll partijiet tal-boundary wall tad-dawra baxx allura terzi persuni mhux awtorizzati setgħu faċilment jidħlu minnu. Huwa ppreżenta sett ta' ħames ritratti (fol 8 sa 10) li juru dawn in-nuqqasijiet. Rinfaċċat b'dawn il-perikli l-Uffiċjal tal-Awtorita ta' ordni sabiex ix-xogħlijiet jieqfu, u dwar dan informa lill-kuntrattur dakinhar stess.

Sussegwentement minn riċerka li għamel l-Uffiċjal tal-Awtorita rriżultalu li l-imputat Joseph Borda kien imniżżel fuq il-Construction Notification Form bħala l-project supervisor tas-sit (fol 11 sa 13). L-imputat ġie nfurmat bin-nuqqasijiet li ġew osservati, kif ukoll bl-ordni ta' waqfien tax-xogħol, l-ewwel permezz ta' telefonata u sussegwentement permezz ta' żewġ emails li bagħatu l-Uffiċjal minħabba li l-indirizz oriġinali tal-email ma bediex jasallu, fuq emails joseph@cf.mt u jborda@cf.mt.

Fis-26 t' Ottubru 2022 l-Uffiċjal tal-Awtorita rċieva email mingħand l-imputat b' żewġ rapporti (fol 20 sa 21) bid-dati tat-22 t' Ottubru u tas-26 ta' Ottubru 2022. Ir-rapport tat-22 t' Ottubru, 2022 jagħmel aċċenn ħafif għal perikli relatati mal-waqgħat mill-għoli. Fil-parti "actions to be taken" - punt 5 - l-imputat ifakkar li m'għandux jitneħħa l-ilqugħ:

*"Contractor or any workers shall not remove any guard rails at all times. Handrails or any other means of protection, which is used to protect any person from falls. Before removing any guard rails or hand rails, the contractor must consult with site manager project supervisor OHS".*

Meta l-Uffiċjal tal-Awtorita mar fuq il-post osserva li ma kien hemm handrails imkien. L-Uffiċjal tal-Awtorita jasal għal konklużjoni li l-"actions to be taken" msemmija hawn fuq ma kinux relevanti għas-sit u ma kienux jagħmlu sens fiċ-ċirkostanzi. L-Uffiċjal tal-Awtorita iżid li minkejja li x-xhud innota perikli evidenti ta' waqgħat mill-għoli, fir-rapport ma kien hemm l-ebda ordnijiet mill-imputat bħala project supervisor li x-xogħol għandu jieqaf biex isiru xi forma ta' remedial works.

Issa l-uffiċjal prosekutur fil-kontroeżami tal-imputat jagħmel sensiela ta' mistoqsijiet dwar il-fatt li skont l-imputat stess madwar tlett ijiem qabel ma l-Uffiċjal tal-Awtorita' għamel l-ispezzjoni tiegħu, l-imputat għamel spezzjoni u ħareġ rapport dwar is-sit (fol 25 sa 27):

*"Pros: Fuq il-post int lil min kellimt? Kemm fit-22nd meta mort int u kien hemm xi nuqqasijiet però deherlek li ma kenux daqshekk gravi u fit-25th meta ġibdulek l-attenzjoni l-awtorità?*
*Xhud: Fit-22nd kellimt kemm lis-site manager tagħna Mr Godwin Briffa li huwa d-day to day, vouldire, responsability person tas-site plus imbagħad ċempilna lil Pierre Sladden u bagħat lil Andreas Sladden. In the meantime kien hemm il-ħaddiema. Fil-verità l-ħaddiema ma tantx jitkellmu bl-Ingliz ukoll. Kien hemm problema ta' barrier ta' communication imma dik mhux skuza. Waqqafnihom sakemm irranġaw l-affarijiet. Nerġa' nsostni fit-22nd ma kienx daqshekk il-kaz. Kien hemm xi railings neqsin veru għax kienu qed jagħtu l-konkos u qalgħu r-railing minħabba l-konkos.*
*Pros: Il-fatt li jkun hemm ir-railings bin-nuqqas hux perikolu?*
*Xhud: Iva. Għalhekk waqqafthom.*
*Pros: Mela mit-22nd meta int waqqaft ix-xogħlijiet mal-kuntrattur and so on and so forth, dak li għadek kemm xehedt,*

*naqblu li fit-25th, 3 ijiem biss wara; 22, 23, 24, 25, jumejn u nofs is-site ħzienet mhux tjiebet. Naqblu?*
*Xhud: Ħa nkun onest.*
*Pros: Onest trid tkun għax qiegħed bil-ġurament.*
*Xhud: Mhux daqshekk imma kien hemm perikolu iva."*

L-uffiċjal prosekutur bil-mistoqsijiet tiegħu jimplika li l-perikli kienu hemm iżda l-imputat fit-22 ta' Ottubru, avolja l-imputat jallega li waqqaf ix-xogħlijiet, l-miżuri li huwa ħa ċertament li ma kienux effettivi peress li l-affarijiet ma tranġawx sal-25 ta' Ottubru meta saret l-ispezzjoni mil-Uffiċjal tal-Awtorita.

Din il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-imputat għamel xogħolu u ħareġ dawk l-ordnijiet li kellu joħroġ, kieku fil-25 ta' Ottubru l-Uffiċjal tal-Awtorita ma kienx isib dawk in-nuqqasijiet. Biex waslet għal din il-konklużjoni il-Qorti, barra li semgħet u rat ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorita u tal-imputat stess, fliet ir-ritratti esebiti a fol 8 sa 10. Ċerta nuqqasijiet li jirriżultaw minn dawn ir-ritratti, bħall-nuqqasijiet dwar l-għoli u l-istat tal-boundary wall (ritratt 1 fol 8) u d-diżorganizzazjoni assoluta, nuqqas ta' pjanar u ta' miżuri dwar saħħa u sigurtà fuq is-sit li jirriżultaw lampanti fil-kumplament tar-ritratti, ċertament li kienu jeżistu sa minn qabel ma għamel l-ispezzjoni l-Uffiċjal tal-Awtorita.

Il-Qorti rat ukoll ic-chats tal-Whatsapp (Dok JB3). Minn dawn jidher li fit-18 ta' Ottubru 2022 l-imputat bagħat messaġġ fejn talab li jiġi assigurat li l-isteel mesh jkun installat fuq il-post biex jiġu evitati inċidenti. Imbagħad jirriżultaw sensiela ta' messaġġi fil-25 ta' Ottubru, cioé il-ġurnata li saret l-ispezzjoni mill-Uffiċjal tal-Awtorita, mill-10:24am il-quddiem relatati mas-saħħa u sigurtà u żamma tas-sit in kwistjoni. Ma kien hemm l-ebda messaġġ mill-imputat qabel il-25 ta' Ottubru u wara l-21 ta' Ottubru.

Din il-Qorti imbagħad qieset ukoll li uħud min-nuqqasijiet msemmija mill Uffiċjal tal-Awtorita jirriżultaw ukoll fir-rapport illi ħejja l-imputat. Il-Qorti allura tibqa perplessa dwar kif, jekk kien hemm dawk in-nuqqasijiet

l-imputat bħala project supervisor ma ħax azzjoni iktar drastika, speċjalment konsiderando li kien hemm perikli ta' saħħa u sigurtà dwar waqgħat mill-għoli kemm għal ħaddiema kif ukoll għal terzi, u esiġa l-waqfien tax-xogħlijiet sakemm is-sitwazzjoni titranġa. Sal 25 ta' Ottubru is-sitwazzjoni kienet għada ma tranġatx u l-perikli kienu jissussistu. Kellha tkun propju l-azzjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorita li wasslet sabiex ix-xogħol twaqqaf u s-saħħa u s-sigurta ta' kull min setta għandu aċċess għas-sit tiġi riprestinata u salvagwardjata. Il-Qorti tqis li dan jikkuntrasta sew mal-obbligi onerusi marbuta mar rwol ta' project supervisor kif spjegat aktar il-fuq.

Il-Qorti tinnota ukoll li fix-xhieda tiegħu l-Uffiċjal tal-Awtorita jindika li fir-rapporti tat-22 u tas-26 ta' Ottubru m'hemm l-ebda indikazzjoni li l-istess rapporti ġew ikkomunikati biex isir immaniġġar effettiv tas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit. Allura l-mistoqsija li din il-Qorti tagħmel lilha nnifisha, bħal ma ċertament għamlu l-Uffiċjali tal-Awtorita fil-konsiderazzjonijiet tagħhom qabel mexxew b'dawn il-proċeduri kontra l-project supervisor, hi, jekk dawn ir-rapporti hux qed isiru għal fuq l-ixkaffa, jew unikament biex jagħtu d-dehra li s-saħħa u s-sigurtà qed tiġi mħarsa skont ma titlob il-Liġi, meta fuq is-sit kien hemm realtà differenti. Il-Qorti jirriżultalha li l-iprem funzjoni tal-project supervisor, li biha kien fdat l-imputat ma ġietx esegwita.

Il-Qorti qieset ukoll li mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorita, minkejja li fl-ordni li ngħatat, l-Uffiċjal tal-Awtorita kien talab lill-project supervisor tas-sit sabiex jattendi għal-laqgħa, dan konvenjentament baqa' qatt ma attenda għal-laqgħa, tant li dwar dan inħarġet it-tielet akkuża kontra l-imputat.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi sussidjarja 424.36 l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża. Jingħad ukoll li meta l-prova tkun tispetta lid-difiża, l-grad ta' prova ma jkunx dak attribwibbli lill-prosekuzzjoni biex tipprova l-każ tagħha, iżda dak tal-probabbli, u dan kif jgħid tajjeb l-abbli difensur fit-trattazzjoni finali.

Hekk, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg**, deċiż a mill Qorti ta' l-Appell Kriminali fis 17 ta' Settembru 2008 ingħad li:

> *"Fil-process kriminali fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b' xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x' aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f' dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagjonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli."*

Din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni, kif ingħad hawn fuq, irnexxielha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit. Jirriżulta ċar mil-provi tal-prosekuzzjoni li l-imputat bħala project supervisor naqas milli jieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dana billi naqas milli jieħu l-miżuri xierqa u suffiċjenti sabiex jipprevjeni waqgħat mill-għoli li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema jew persuni oħra li jistgħu jkollhom aċċess għas-sit. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' din l-akkuża kien jinkombi ukoll fuq id-difiża li tipprova illi l-imputat qeda l-funzjoni tiegħu kif titlob il-Liġi, ħaġa li d-difiża m'għamlitx b'suċċess.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi din l-imputazzjoni u se ssib lill-imputat ħati dwarha.**

**It-tieni imputazzjoni:** "*2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi il-kapaċità tiegħek ta' proġett supervisor inqast milli tikkoordina l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' A.L. 88/2018 sabiex tassigura li min jimpjega u jekk meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni impjegati għal rashom japplikaw il-prinċipji relevanti f'manjiera konsistenti u meta meħtieġ, isegwu l-pjan tas-saħħa u sigurtà u dan ai termini ta' Art. 5(4)(d) ta' A.L. 88/2018."*

Wieħed ma jridx jinsa li għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi sussidjarja 424.36 l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża. Il-prosekuzzjoni, kif ingħad hawn fuq dwar l-ewwel akkuża, irnexxielha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' miżuri meħtieġa għas-salvagwardja tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Jirriżulta ċar mil-provi tal-prosekuzzjoni li l-imputat bħala project supervisor kien fdat bil-koordinazzjoni tal-xogħlijiet sabiex jiġi assigurat li x-xogħol li kienu qed jagħmlu l-ħaddiema jkun ippjanat sew b'miżuri xierqa u suffiċjenti biex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit. Huwa kellu jieħu dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż jekk ikun hemm bżonn jordna li jieqfu x-xogħlijiet. Kieku dan seħħ, l-Uffiċjal tal-Awtorita fl-ispezzjoni tiegħu ma kienx isib u jirriskontra is-sitwazzjoni imwiegħra li sab nhar il-25 ta' Ottubru.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din it-tieni imputazzjoni tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

**It-tielet imputazzjoni:** "*3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi nqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tal-25 ta' Ottubru 2022, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikolu 17 (1) ta Att XXVII/2000.*"

Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Clinton Cachia u mid-dokumenti minnu ippreżentati (fol 14 sa 24) jirriżulta li ntbagħtu emails lill-imputat fejn huwa kien mitlub sabiex jagħmel kuntatt mal-imsemmi Uffiċjal tal-Awtorita bil-għan li ssir laqgħa. L-istess uffiċjal fix-xhieda tiegħu jgħid ċar u tond li l-laqgħa qatt ma saret. Dan huwa saħansitra ikkonfermat mill-imputat fil-kontroeżami tiegħu.

**Għaldaqstant peress li din it-tielet imputazzjoni tirriżulta ippruvata mil-prosekuzzjoni sal grad rikjest mil-liġi penali, l-Qorti se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat id-daqs tal-proġett in kwistjoni.

## D. Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 6 u 5(4)(d) tal-Liġi Sussidjarja 424.36, u l-artikolu 2 u 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat Joseph Borda detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 231472M ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'assorbiment tal-piena tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal-piena ta' multa ta' ħamest elef Ewro (€5,000) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal-ewwel imputazzjoni, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni imputazzjoni, u nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tielet imputazzjoni).

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**